# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA )

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar il-31 ta' Awwissu 2023**

**Rikors Nru : 238/2023 JPG**

**Kawza Nru : 30**

**DF**

**U**

**SK**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors kongunt tal-partijiet datat 26 t'April 2023 a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet iżżewġu nhar l-ghaxra ta' Mejju tas-sena disa' mija tmienja u disghin (10.05.1998) (kopja taċ-ċertifikat taż-żwieġ qed jiġi anness u mmarkat bħala 'Dok A') u minn dan iż-żwieġ twieldu tlett itfal, AFK li twieled f'X, TFK li twieldet f'Y u MFK li twieled f'Z. T u M ghadhom studenti, ghalkemm maggorenni;*

2. *Illi l-partijiet ilhom separati de facto sa mill-1 ta' Settembru 2019 filwaqt li ilhom separati de jure permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni datat id-disgha ta' Marzu tas-sena elfejn tlieta u ghoxrin (09.03.2023), li ġie awtorizzat minn din l-Onorabbli Qorti, u li jinsab fl-Atti tan-Nutar Dottor Brenda Jane Camilleri Vella (Kopja tal-kuntratt tas-separazzjoni qed jiġi anness u mmarkat bħala 'Dok B');*

*3. Illi għaldaqstant, m'hemm ebda prospett raġjonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn ilpartijiet stante illi huma għandhom ħajja kompletament separata minn xulxin;*

*4. Illi l-partijiet jgħixu ħajja totalment separata minn xulxin u llum il-ġurnata għandhom il-ħajja tagħhom u għaldaqstant, ma teżisti l-ebda possibilità ta' rikonċiljazzjoni;*

*5. Illi m'hemm ebda manteniment dovut li parti trid thallas lil parti l-ohra ghall-ulied stante li l-omm obbligat ruhha li thallas l-manteniment tal-bint, mentri l-missier obbliga ruhhu li ihallas l-manteniment tal-iben;*

*6. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw ir-rekwiżiti kollha meħtieġa għall-ksib ta' divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili (Kap.16 tal-Liġijiet ta' Malta);*

*7. Illi ma' dan ir-rikors, qed jiġi anness l-Affidavit tal-esponenti nfushom (Affidavits qed jiġu annessi u mmarkati bħala 'Dok C' u 'Dok D');*

*Għaldaqstant, u in vista tas-suespost, l-esponenti umilment qed jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

*1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ li ġie ċċelebrat nhar l-ghaxra ta' Mejju tas-sena elf disa' mija tmienja u disghin (10.05.1998);*

*2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fiż-żmien imħolli għal daqshekk mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.*

Rat illi r-rikors promotur, l-atti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**DF xehed** (vide affidavit fol 15) illi l-partijiet izzewgu nhar il-10 ta' Mejju 1998, u minn dan iz-zwieg kellhom tlett itfal. Sostna illi huma sseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Brenda Jane Camilleri Vella datat nhar 9 ta' Marzu 2023, izda separati defacto minn Settembru 2019. Xehed illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni u lanqas ma hemm ebda manteniment dovut bejn il-partijiet.

**SK xehdet** (vide affidavit fol 16) u kkonfermat u kkorraborat x-xhieda ta Dione Falzon.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas***

***sena mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar l-10 ta' Mejju 1998 liema zwieg jgib certifikat numru 596/1998 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 3). Minn dan iz-zwieg twieldu tlett itfal.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt konsenswali, ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Brenda Jane Camilleri Vella nhar id-9 ta' Marzu 2023 (Vide fol 3A et seqq.). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Il-partijiet affermaw illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 596/2017 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jigu divizi bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**